**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U ERBGĦIN**

**19 ta' NOVEMBRU, 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**43.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

43 .1.1 Fir-rigward ta' punt 42.1.1 il-Kumitat Amministrattiv qabel li x-xogħol mitlub li jsir mill-kumpanija Koptasin sar imma hemm bżonn jiġu ordnati xogħlijiet oħra li huma:

- Double yellow line fi Triq in-Nigret minħabba li dak li kien hemm tneħħa meta sar wiċċ ġdid fit-triq,
- double yellow lines fil-kantuniera tal-ġnienfi Triq in-Nigret,
- 2 stop markings fi Triq G M Callus (k/m Vjal l-Indipendenza)
- Traffic Management fi Triq San Martin k/m Triq Dun Nard Mallia hekk kif approvat minn Transport Malta.

43.1.2 Fir-rigward ta' punt 42.1.3 il-Kumitat Amministrattiv qabel li wara li sid il-palazz ta' Misraħ Santa Marija

ġie nfurmat li ser jerġa jitwaħħal bank viċin il-palazz u ma kienx hemm tweġiba min-naħa tas-sid, kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol biex jerġa jitwaħħal.

43.1.3 Fir-rigward ta' punt 42.2.1 kien hemm qbil li jintlaqa' s-suġġeriment li sar minn Transport Malta li fi Triq Santu Rokku ssir kurduna u jitneħħew il-bollards li hemm.
Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

43.1.7 Il-Minuti tas-seduta numru 42 ġew approvati.

***43.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson***

43.2.1 Il-membru Joseph Caruana staqsa meta ser jibda x-xogħol fuq Triq Ta' Ciantar u Triq it-Torri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet infurmata mill-kuntrattur li x-xogħol ser jinbeda f'Diċembru u jitlesta fl-istess xahar.

43.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa biex għal din is-sena minflok isir 'Leħen Bubaqra' ssir speċi ta' kartorina li fiha tinkludi l-poster tal-party tal-Milied tat-tfal ta' Bubaqra.

Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li fil-kartolina jkun hemm il-firem tal-membri kollha.

Kien ma dan kollu.

***43.3 Party tal-Milied għat-Tfal ta' Bubaqra***

43.3.1 Ic-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat li rnexxielu jġib l-ammont ta' €600 f'rigali u servizzi għall-party tal-Milied tat-tfal minn sponsors.

Kien hemm qbil fuq dan li ġej:
Post tal-party – Aida Hall
Caterers – Euro Caterers
Entertainment – id-Dulli u magician
Prezz għall-parteċipanti - €3
li l-prezz li jridu jħallsu
Data – 17 ta' Diċembru, 2013

Mill-prezz tad-dħul ta' €3 jitħallsu il-Caterers u l-cleaner tas-sala.

43.3.2 Il-membru Joseph D'Amato qal li l-Kumitat għandu jkun grat u japprezza x-xogħol li qed jagħmel iċ-Chairperson Pierre Farrugia billi jipprova jakwista sponsors għal dan il-party.

***43.4 Attivitajiet Kulturali – Memo 25/2013***

43.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kumitat irċieva żewġ applikazzjonijiet fir-rigward tal-attivitajiet Kulturali 2014. Waħda mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM – Tieġ Tradizzjonali Malti u l-oħra mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria – Żrieraq fl-Imgħoddi.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Ammnistrattiv japprova ż-żewġ applikazzjonijiet u jintbagħtu t-tnejn lid-Dipartiment għall-evalwazzjoni.

43.4.2 Kien hemm qbil unanimu li għall-attivita' li ssir il-Kumitat Amministrattiv joħroġ is-somma ta' €1,000 biex tiżdied ma' din tad-Dipartiment.

***43.5 Ilmenti u Suġġerimenti***

43.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li terġa ssir l-ikla tal-Milied bejn il-membri tal-Kumitat Amministrattiv u l-istaff.

Kien hemm qbil li ssir fil-Marsa Sports Klabb fis-27 ta' Diċembru, 2013.

43.5.2 Kien hemm qbil li l-Kumitat jerġa jikteb lill-Enemalta fuq il-qtugħ ta' dawl li hemm fejn il-kappella ta' Bubaqra u li tali ħsara saret mill-ħaddiema tal-Go li ħadmu fl-akwata. Din il-ħsara ilha ġimgħat. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm bżonn tinkiteb email lill-Ministru direttament.

***43.6 Appuntament għas-Seduta li jmiss***

43.6.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta’ Diċembru 2013 fil-5.30 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet b’dan il-punt fuq l-aġenda.

Konfermati, illum ___ ta’ Diċembru, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**